MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 10/2009

**Michael Bugeja**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Gunju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**L-Arbitru

Ra l-appell

Ra r-risposta

Ikkunsidera

> Illi mill-affidavit jirrizulta ampjament li l-applikant ma ghadux jifforma familja ma' omm it-tifel komuni taghhom. Di fatti ilhom jirresjedu separatament ghal diversi snin. Huwa ghalhekk intitolat.
>
> L-appell qed jigi milqugh."

Id-Direttur jiddenuncja din id-decizjoni ta' l-Arbitru billi fl-ewwel lok, u fuq il-valutazzjoni tieghu tal-provi, jiccensura lill-Arbitru talli dan ma hax in konsiderazzjoni l-ezistenza tal-frodi perpetrata u, konsegwentement, ghal dan in-nuqqas, ikkommetta zball ta' ligi. Fit-tieni lok, l-istess Direttur jikkritika lill-Arbitru bis-sottomissjoni illi dan ippekka kontra l-principju *audi alteram partem* in kwantu bbaza d-decizjoni tieghu fuq il-provi ta' parti wahda biss;

Ghal dawk li huma l-antecedenti sostanzjali, l-atti tal-kaz jipprovdu dan il-kwadru:-

(1) Mill-ittra tat-28 ta' Ottubru, 2008 mibghuta mid-Dipartiment lill-appellat prezenti jinghad illi l-applikazzjoni u/jew l-ghoti tal-beneficcju ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad kienet qed tigi dizattiza in bazi ghall-premessa illi hu ma hassux sodisfatt illi d-dhul tieghu u tal-familja ma kienx jeccedi l-iskala stabbilita mill-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

(2) Fit-twegiba tieghu ghall-appell promoss mill-appellat quddiem l-Arbitru, l-istess Direttur jissokta jelabora u jispjega dik il-premessa tieghu billi jadduci illi fuq l-istharrig minnu kondott irrizultalu illi l-appellat kien qieghed jikkoabita ma' certa Sonia Scicluna fl-istess indirizz u la din kellha mpjieg "full time", l-appellat ma kienx jissodisfa l-kriterji tal-ligi bl-Att imsemmi;

(3) Fl-Affidavit taghha l-imsemmija Sonia Scicluna tiddikjara illi dik ir-relazzjoni taghha ma' l-appellat kienet intemmet f'Jannar 2004. L-istess haga jistqarr l-appellat fl-Affidavit tieghu u fl-interrogatorju li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2009;

L-Arbitru emmen u accetta din il-versjoni tal-fatti li, skond id-Direttur appellanti ma kellhiex tinghata kredibilita` ghaliex, kif minnu sottomess bl-appell tieghu:-

(i) Fl-applikazzjoni ta’ l-appellat Michael Bugeja ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad datata 2 ta’ April, 2008 jinsab iddikjarat illi “*Clt & Sonia Scicluna has now bought a piece of land to build their future home of residence*”;

(ii) Fl-applikazzjoni ta’ Sonia Scicluna ghac-“Children’s Allowance” din ipprovdiet bhala indirizz residenzjali taghha dak l-istess fejn joqghod l-appellat, u kien wara li twaqqfet l-assitenza li din applikat fuq indirizz differenti;

Dejjem fuq il-fehma tieghu, ghad-Direttur appellanti din il-qaghda ghandha elementi ta’ fabbrikazzjoni intizi biex jaggiraw il-ligi;

Jigi qabel xejn ikkonsiderat in mertu ghas-sottomissjoni taht punt (i) illi dawk il-kliem hemm riportati ma gewx iddikjarati mill-appellat izda mid-District Office Manager Victoria Attard. In effetti, ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni sottoskritta taht il-firma ta’ l-appellat. Ara dokument esebit a fol. 17. Fir-rigward ta’ punt (ii) xi tnizzel bhala indirizz mill-applikanta Sonia Scicluna ma jistax hlief jitqies *res inter alios acta* u ma kellux jirridonda kontra l-interessi ta’ l-appellat;

Meta, imbaghad, kif inhu l-kaz hawnhekk, issir allegazzjoni ta’ fabbrikazzjoni u akkuza ta’ frodi, in kwantu dawn jimplikaw “mala fede” fl-appellat, il-prova dwarha riedet, u kellha, tigi mill-appellanti fornita b’rigur partikulari, anke ghaliex ma jidherx li jistghu jitqiesu sufficjenti s-semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet, aktar u aktar meta dawn jitnisslu minn apprezzament tad-dikjarazzjonijiet ta’ terzi, ukoll jekk dawn it-terzi jinsabu f’rapport ta’ familjarita`;

Certament, l-akkuza tal-fabbrikazzjoni tippresupponi qerq u mala fede, jew, almenu, abbuz gravi, u tali kienet timporta b'impenn u anke b'oneru, prova serja, univoka u konklussiva ta' l-*animus decipiendi* fl-appellat. Mhux is-semplici kongettura jew supposizzjoni ta' manuvrar defrawdanti izda prova qawwija u determinanti tan-ness ta' kawzalita` bejn dik il-fabbrikazzjoni u l-kondotta ta' l-appellat, mahsuba, b'dik ir-rapprezentazzjoni qarrieqa biex jinkiseb vantagg mhux misthoqq. Bir-rispett dovut, din il-prova, f'dan il-kaz, u in bazi ghar-riflessjonijiet fuq maghmula, ma saretx, jew, almenu, ma saretx b'mod perswaziv. Veru li f'rapport bejn id-Dipartiment u min jirrikorri lill-istess Dipartiment ghall-ghajnuna hu mistenni dejjem li dan ta' l-ahhar igib ruhu skond il-principji tal-korrettezza u tal-bwona fede in kwantu espressjonijiet ta' dak id-dover primarju tas-solidarjeta` socjali. Daqstant iehor hu, pero`, veru wkoll li dawn il-principji huma dejjem prezunti, u min jopponi l-mala fede ghandu jippruvaha (Artikolu 532, Kodici Civili), b'tali mod li jiggenera l-konvinzjoni f'min ghandu jiggudika illi l-applikant ma setax kien in bwona fede. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, in-nuqqas ta' din il-bwona fede ma gietx hawnhekk demostrata;

Fl-ahharnett, fuq l-allegazzjoni tal-lezjoni tal-principju *audi alteram partem*, din il-Qorti, sincerament, ma tistax tara kif jista' jiccentra dan il-principju. Il-ksur tar-regola ta' smigh xieraq hi haga. L-evalwazzjoni tal-provi hi haga ohra. Ta' l-ewwel hi x'aktarx marbuta man-nuqqas ta' koncessjoni lil xi parti ta' dik l-opportunita` li tressaq il-provi li tixtieq tipproduci u li taghmel l-assunti taghha, jew ukoll ghal kaz ta' nuqqas ta' motivazzjoni jew ta' motivazzjoni inkompleta jew illogika jew inkongruwenti. Fil-kaz tat-tieni, il-valutazzjoni tal-provi fl-ordinament processwali taghna hi msejsa fuq il-principju tal-konvinciment liberu u prudenzjali tal-gudikant li jista', fil-gudizzju tieghu, iqis li certa prova hi wahda aktar kredibbli, attendibbli u meritevoli fuq prova ohra ghab-bazi tad-decizjoni tieghu, salv, s'intendi, dejjem li jipprovdi r-raguni ta' dak il-konvinciment tieghu. Ukoll,

jekk xotta u mhix elaborata, din il-motivazzjoni, u wahda bastanti, f’dan il-kaz, tissussisti.

Ghal motivi kollha msemmija din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu kif konswet f’decizjonijiet ta’ din ix-xorta bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------